MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 141/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fid-9 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi A u B kkuntrattaw żwieġ fid-9 ta' Diċembru, 1999; (*vide* ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dok. A)

2. Illi permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati Federali ta' l-Awstralja datat 27 ta' April, 2006, ingħata d-divorzju taż-żwieġ imsemmi lil A u B, liema divorzju daħal fis-seħħ fit-28 ta' Mejju, 2006; (*vide* kopja tad-digriet annessa u mmarkata Dok. B)

3. Illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet għadha pero’ *in vigore stante* l-fatt illi din baqgħet ma ġietx diviża;

4. Illi l-attur A ilu jgħix l-Awstralja għal dawn l-aħħar sentejn u għalhekk qiegħed ikun ippreżentat f’ din il-kawża minn missieru Z (*vide* kopja tal-prokura hawn annessa u mmarkata Dok. C);

5. Illi l-attur A jixtieq illi ssir il-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn B;

6. Illi meta A talab lil B sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, din irrifjutat għar-raġunijiet li ser jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

7. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kollha.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tordna likwidazzjoni u d-diviżjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti eżistenti bejn A u B, bil-ħatra ta’ periti nominandi jekk dan ikun meħtieġ;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata, ippreżentata 24 ta’ Ottubru 2008, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi preliminarjament tiġi sottomessa n-nullita’ tar-rikors odjern li r-rikorrent naqas li jitlob li ssir il-medjazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll naqas li jottjeni l-awtoriżżazzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) *ai termini* ta’ l-Avviż Legali 397 tas-sena 2003 sabiex ikun jista’ jipproċedi b’dawn il-proċeduri kontra l-intimata odjerna;

2. Illi preliminarjament ukoll tiġi eċċepita *lis alibi pendens ai termini* ta’ l-artikolu 794 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet

ta' Malta *stante* li l-intimata stess intavolat rikors ġuramentat bin-numru 335/2008 kontra kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti żewġha A, liema rikors għadu pendenti, u f'liema rikors ġuramentat l-intimata titlob ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll mitluba f'dan ir-rikors iżda wkoll tressaq diversi talbiet oħra fosthom il-konferma tal-kura u kustodja ta' l-ulied, li tiġi ffissata somma ta' manteniment favur il-minuri kif ukoll il-ħlas ta' manteniment b'lura (kopja annessa dokument AC A). L-intimata tindika t-talbiet kollha tagħha kontenuti fir-rikors ġuramentat bin-numru 335/2008 bħala eċċezzjonijiet għar-rikors odjern;

3. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, mhux minnu dak iddikjarat mir-rikorrent ċioe' illi l-intimata irrifjutat li tiddiskuti d-diviżjoni, anzi meta l-intimata tikkonferma li *stante* li A qata' kull kuntatt magħha hija kellha bilfors tipproċedi bil-Qorti sabiex tkun tista' ssir id-diviżjoni tal-komunjoni permezz tar-rikors ġuramentat bin-numru 335/2008 li għadu pendenti;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimata taqbel li għandu jkun hemm id-diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet iżda din mhux neċessarjament f'porzjonijiet ugwali sabiex b'hekk id-diviżjoni tagħmel tajjeb għall-manteniment li qatt ma tħallas minn A fil-konfront ta' wliedu u dan kif rifless fit-talbiet ta' l-intimata fir-rikors ġuramentat bin-numru 335/2008;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti għandha mhux biss tieħu in konsiderazzjoni l-proprjeta' f'Malta li fiha tirrisjedi l-intimata maż-żewġ uliedha iżda wkoll il-proprjeta' kemm mobbli kif ukoll immobbli formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti li tinsab fl-Awstralja;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-27 ta' Frar 2009 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta qed teċċepixxi illi skond l-Avviż Legali 397 tas-sena 2003 din il-kawża kellha tkun preċeduta mill-awtoriżżazzjoni tal-Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-familja). L-artikolu 4 ta' l-Avviż imsemmi jgħid li *meta konjuġi tkun trid tipproċedi għall-firda personali kontra l-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, dik il-parti għandha l-ewwel titlob l-awtorita' biex tipproċedi mill-Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-Familja).*

L-artikolu 9 jgħid illi talbiet dwar manteniment, kustodja, aċċess u bidliet ta' kull ħaġa regolata mill-firda personali wkoll trid tkun preċeduta minn talba bl-ittra msemmija wkoll fl-artikolu 4 biex l-ewwel issir il-proċedura tal-medjazzjoni.

Fil-każ in eżami l-attur qed jitlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gia' eżistenti bejn il-partijiet li huma gia' divorzjati permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti Awstraljana; kwindi fil-fehma tal-Qorti ebda waħda mit-talbiet prospettati mill-Avviż Legali msemmi ma tinkwadra fit-talba attriċi għaliex l-attur mhux qed jitlob il-firda personali u lanqas qed jitlob xi bidla ta' xi ħaġa regolata mill-istess firda. Għalhekk l-attur ma kellux bżonn jgħaddi mill-proċedura ndikata mill-istess Avviż Legali.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta bl-ispejjeż kontra tagħha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------